MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (INFERJURI)
# MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**MAGRI ALBERT J.**

Seduta ta' 04 ta' Ottubru, 2002

Appell Civili Numru. 758/1998/1

Angelo Camilleri

Vs

Paul u Pauline konjugi Zammit bhala l-genituri ghan-nom u fl-interess ta' binthom minuri Katia Zammit u l-istess Katia Zammit li assumiet l-atti fl-10 ta' Ottubru 2000

Il-Qorti,

Rat l-avviz tas-17 ta' April 1998 li permezz tieghu l-attur talab li l-konvenuta tigi kundannata thallsu s-somma ta' erba' mija u tnejn u tmenin lira maltin u hames centezimu (LM482.05) rappresentanti d-danni kollha sofferti minnu b'konsegwenza tal-incident li sehh fl-10 ta' Lulju 1997 fi Blue Grotto Avenue, Zurrieq bejn il-vettura numru IAE-895 misjuqa mill-attur u bint il-konvenuti l-minuri Katia Zammit illi qasmet it-triq bi traskuragini u negligenza, ghall-liema incident hija unikament responsabbli l-istess minuri Katia Zammit. Bl-ispejjes kollha nkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-24 ta' Lulju 1997 u s-somma ta' LM30 rappresentanti

spejjes extra gudizzjarji kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-konvenuti tad-29 ta' April 1998 li permezz taghha eccepew li t-talbiet attrici kollha ghandhom jigu michuda stante li ghall-incident de quo kien jahti biss l-istess attur li stante nuqqas ta' *proper lookout* laqghat lill-binthom minuri u kkawzalha griehi ta' natura gravi u duraturi. Isegwi li ma hemm l-ebda danni li ghandhom jigu likwidati u mhallsa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-12 ta' Novembru 2001 li laqghat it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra l-konvenuta billi filwaqt li ddikjarat lill-istess konvenuta responsabbli ghall-incident fuq imsemmi, kkundannata thallas lill-attur s-somma indikata fl-avviz u dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:-

a) Illi jidher evidenti li l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-konvenuta hi altament <u>inkonsistenti u inverosimili.</u> Difatti, <u>hi ma tistax titwemmen</u> meta qalet li kienet qed tibza minhabba kelb li kien qed jigri warajha waqt li qalet ukoll li kellha l-hin kollu sabiex thares lejn iz-zewg nahat tat-triq, tistenna sakemm ghaddiet karozza terga' thares u imbaghad taqsam it-triq jew bil-girkja jew bil-pass.

b) Illi dan premess jidher li dan l-incident gie kawzat minhabba li l-istess konvenuta <u>ma uzatx id-debita kawtela</u> qabel ma qasmet l-istess triq billi tesplora sew l-istess triq sabiex tara li tkun tista' taqsam minghajr xi konsegwenzi gravi ghaliha u ghal terzi persuni (<u>nuqqas ta' proper lookout</u>).

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-konvenuta Katia Zammit li talbet ir-revoka tas-sentenza fuq imsemmija billi tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes taz-zewg istanti kontra l-attur u dana billi l-istess konvenuta kienet aggravata bl-imsemmija sentenza stante li l-attur *kellu triq senjalata **SLOW** u sorprendentement injora ghal kollox il-qsim tat-triq da parti tal-appellanti u bbrekja fl-ahhar hinijiet. L-attur kellu vizwali fid-dritt kemm ried u l-appellanti kienet oltre passat nofs it-triq (wiesgha) meta intlaqtet. Illi l-esponenti bl-ebda mod ma kkagunat xi sorpriza jew trap ghall-appellant* (recte 'appellat').

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti quddiem l-ewwel qorti u rat ukoll is-sottomissjonijiet in iskritt tad-difensuri.

Semghet lid-difensuri tal-kontendenti.

Ittrattat l-appell.

Ikkunsidrat:-

Dan l-appell jikkoncerna incident stradali li sehh fl-10 ta' Lulju 1997 gewwa Blue Grotto Avenue, Zurrieq, meta l-vettura tal-attur appellat giet in kuntatt ma' Katia Zammit, li dak il-hin kienet qed tasam it-triq, u, bhala rizultat, l-vettura ta' l-attur sofriet danni fil-karozzerija taghha u fil-windscreen. L-incident sehh tard filghaxija fi triq dritta xema ghal distanza konsiderevoli u fejn il-karreggata hija wisa' cirka 35 pid. L-attur kien dak il-hin qed isuq il-vettura numru IAE-895 fil-kumpanija ta' Joseph Fenech. Kienu hergin il-barra miz-Zurrieq b'mod li filwaqt li fuq in-nahha tax-xellug taghhom kien hemm hajt li jissepara l-gheliqi mit-triq, fuq in-naha l-ohra kien hemm il-bini, b'dana pero li l-abitat kien distakkat mit-triq b'service road li kienet mifruda minn Blue Grotto Avenue b' "centre strip."  Kif l-attur kien qed javvicina r-'round about' li hemm f'tarf Blue Grotto Avenue u ghadu cirka 150 pid boghod, sew hu kif ukoll siehbu lemhu persuna taqsam it-triq minn-naha tal-lemin taghhom lejn ix-xellug. L-attur inhasad u applika l-brakes filwaqt li gibed lejn ix-xellug biex jevita li jolqotha. Il-vettura tieghu halliet 11.70 metri brake marks sakemm waqfet ftit il-barra mil-hajt. Skond l-attur u siehbu, u f'dan mhux kontradetti, hekk kif waqfet il-vettura Katia Zammit habtet mal-mudguard tal-lemin u l-windscreen u kkagunat hsara kif fuq inghad.

L-ewwel Qorti waslet ghal konkluzzjoni li l-incident sehh verament tort ta' Katia Zammit billi din kienet qasmet minghajr ma hadet il-prekawzjonijiet mehtiega u cioe dak ta' *proper lookout* qabel ma ittantat taqsam triq principali. Fil-verita' l-konvenuta kienet sostniet li hija qasmet b'dan il-mod billi kienet imbezza minn kelb li kien qed jigri warajha, izda filwaqt li l-istess konvenuta ma sostnietx bl-

ebda mod l-argument li jsegwi minn tali xhieda, irrizulta lill-ewwel Qorti li kien hemm inkonsistenzi fix-xhieda tal-istess konvenuta billi ma kienx verosimili li l-istess Katia Zammit kienet imbezza mil-kelb u fl-istess hin qalet li hija harset fiz-zewg direzzjonijiet qabel ma qasmet. Mhux talli hekk biss talli l-istess Zammit tkompli tghid li hija halliet vettura sejra lejn il-Blue Grotto tghaddi qabel ma qasmet u dan wara li reget accertat ruha li ma kienx hemm traffiku gej. L-osservazzjoni li trid issir hawn hi li persuna imbezza zgur mhux ser toqghod thares l'hawn u l'hin qabel ma tipprova tahrab minn dak li jkun qed ibezzahha.

Issa ma jistax jkun li ma kienx hemm traffiku gej kif qalet Katia Zammit, il-fatt li sehh l-incident huwa prova cara li fil-hin li qasmet effettivament kien hemm traffiku ghaddejn fit-triq. Infatti hija habtet mal-vettura tal-attur li kienet tiela minn naha tax-xellug. Wiehed ghalhekk jistaqsi jekk l-konvenuta kienet daqshekk attenta qabel ma qasmet kif gara li ma ratx l-vettura ta' l-attur li mhux biss jidher li kellha d-dwal mixghewlin, izda ukoll hija vettura ta' kulur abjad.

Minn dan jidher li kollox ma kollox il-konvenuta ttantat taqsam t-triq minghajr ma hadet l-prekawzjonijiet mehtiega.

F'dan l-appell izda qed jigi allegat li l-incident sehh ghax l-attur kien mixi bi speed eccessiv u ma hax azzjoni evaziva tempestivament. Din il-Qorti, ezaminati l-atti u x-xhieda, ma tistax tikkondividi din is-sottomissjoni. In fatti jirrizulta mhux kontestat li l-attur qabel l-incident kien jsuq bi speed ta' cirka 35 k.f.s. fi triq fejn huwa permess speed ta' 50 k.f.s. L-ispeed dikjarat mill-attur huwa korrobarat bl-istess brake marks li halliet l-vettura tieghu waqt l-incident u mill-istess passiggier fil-vettura tieghu.

Qed jigi sottomess li l-indikazzjoni "Slow" fuq il-karreggata in-naha tal-attur kienet tobbliga lill-attur li jimxi bi speed izjed ragionevoli. Din il-Qorti ma taqbilx. Speed ta' 35 k.f.s. fi triq bhal ma hija Blue Grotto Avenue huwa speed ferm konservattiv u ragionevoli fic-cirkostanzi tenut kont ukoll li dak is-sinjal qieghed hemm ghax wiehed qed

javvicina Roundabout u ghal ebda raguni ohra. Mill-banda l-ohra fi triq bhal dik in kwistjoni wiehed ma ghandux jistenna li persuna taqsam hekk ghal gharrieda u ma tirrispettax d-dritta dovuta lill-vetturi f'dik il-parti tal-karreggata fejn ma hemmx zebra crossings jew traffic lights.

Mix-xhieda jirrizulta li l-attur, kuntrarjament ghal dak li gie sottomess mid-difensur tal-konvenuta, kien qed izomm attenzjoni ghat-triq quddiemu. Infatti dan induna bil-manuvra sorprendenti tal-istess Katia Zammit meta ttantat taqsam hesrem anke fil-presenza ta' traffiku fit-triq. Tant hu hekk li osserva daqstant lill-siehbu u anke applika l-brakes tempestivament b'mod li waqaf qabel l-impatt u kienet l-istess Katia Zammit li baqghet diehla fuq il-gemb tieghu. Kieku l-attur a kienx attent kieku l-konsegwenzi ghal Katia Zammit setghu kienu ferm aktar koroh.

Illi tenut kont ta' dan kollu din il-Qorti ma ssibx raguni ghaliex ghandha tiddisturba l-konkluzzjonijiet ta' l-ewwel qorti billi din waslet ghal konkluzzjoni tajba fic-cirkostanzi tal-provi migjuba quddiemha.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tichad l-appell tal-konvenuta, tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjes kontra l-appellanti.

Onor Imhallef Albert J. Magri